# Il-Ħuttafa

Numru **130**

Settembru - Ottubru 2015

21 sena 1994-2015




Fjamingu

€2 għal min mhux membru

BirdLife MALTA

**Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf**

Klabb Ħuttaf



Desirée Falzon

**Ħarruba** raġel bil-fjuri, li f'Ottubru jkunu fl-aqwa tagħhom.



# Għeżież Ħuttaf...

## editorjal

Il-BirdLife tagħmel ħafna affarijiet biex tgħin l-għasafar u n-natura. Pereżempju:

- **teduka** fl-iskejjel bi proġetti bħal Dinja Waħda
- **toħroġ** kotba u tqassam posters u fuljetti
- **tagħmel** ħarġiet għall-membri u għall-publiku
- **tieħu ħsieb** riservi naturali u tagħti ħajja lil ħabitati rari
- **titħabat** biex il-liġijiet tal-għasafar ikunu suret in-nies u jiġu rispettati.

Ħaġa oħra importanti ħafna li l-BirdLife tagħmel hi li **tistudja l-għasafar**. Il-BirdLife ilha tistudja l-għasafar minn mindu twaqqfet fl-1962 u fil-fatt dak iż-żmien kien jisimha Malta Ornithological Society (ornitoloġija tfisser studju tal-għasafar). Wieħed mill-istudji li bdiet tagħmel il-BirdLife kien il-*bird ringing*. Bis-saħħa ta' ċrieket żgħar li l-istudjużi jqiegħdu ma' saqajn l-għasafar tgħallimna ħafna dwar il-ħajja tal-għasafar. Pereżempju:

- **tgħallimna** r-rotot li jgħaddu minnhom l-għasafar meta jpassu, minn fejn ikunu ġejjin u fejn imorru.
- **tgħallimna** l-għasafar iżurux l-istess postijiet sena wara oħra.
- **tgħallimna** l-għasafar għandhomx postijiet favoriti fejn ibejtu u kemm jużawhom.
- **tgħallimna** jekk il-frieħ jibqgħux jgħixu fl-inħawi tal-ġenituri tagħhom.
- **tgħallimna** kemm idumu f'post u tgħallimna jsibux biżżejjed ikel fih.
- **tgħallimna** kemm jgħixu l-għasafar fis-selvaġġ.

U ħafna affarijiet oħrajn interessanti!

Victor Falzon



"Emmm... ħalla toqba daqsxejn kbira fix-xibka!"

Dawn l-affarijiet kollha ma tgħallimnihomx biss biex insiru nafu iktar. Tgħallimniehom speċjalment biex ngħinu lill-għasafar stess. Għax iktar ma tkun taf fuq il-ħajja ta' xi ħadd iktar tkun tista' tgħinu.

F'Settembru li għadda l-BirdLife għalqet 50 sena minn meta bdiet l-istudju biċ-ċrieket. F"paġna 12 hemm iktar fuq ir-ringing.

Victor

**Victor Falzon** L-Editur

## MAL-FAĊĊATA

Aron Tanti



Il-**Fjamingu** (Greater Flamingo) huwa wieħed mill-itwal għasafar li jżurna. Dari rari kien jidher imma mindu beda jbejjet fi Sqallija f'dawn l-aħħar snin dan l-għasfur sar jidher kull sena, kultant fi qtajja' sbieħ. Kultant jinżlu xi tnejn fir-riservi naturali jew fis-Salina.

# Kontenut


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Ambjenti u Residenti | 4-5 |
| Intervista ma' fjura | 6 |
| Attività | 6 |
| Ftit Friefet | 7 |
| Tista' tgħidli? | 8 |
| X'nista' nara daż-żmien? | 8 |
| Paġna Falko | 9 |
| Natura 2000 | 10-11 |
| Anniversarju biċ-Ċrieket | 12 |


# Kumitat


## Ċentrali

Kathleen Mamo (kap) • Jason Aloisio • Chris Cachia Zammit • Desirée Falzon • Victor Falzon

## Falko

Nicholas Galea • Timothy Micallef


# Kordinazzjoni


Hannah Chisholm • Sofía García


# Klabb

Klabb Ħuttaf huma l-membri żgħar u żgħażagħ (-18yrs) ta' BirdLife Malta. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, ħarġiet bil-lanċa u attività ambjentali. Kull xahrejn noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. Sħubija fil-klabb hija €10 fis-sena.

BirdLife MALTA

# Kuntatt


indirizz
**BirdLife Malta**
**1-2 Xemxija Waterfront Apts**
**Triq is-Simar, Xemxija**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin
**il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**



Reg.Vol.Org. VO/0052



© BirdLife Malta, Ottubru 2015



Disinn u produzzjoni Victor Falzon, Chris Cachia Zammit
Stampat għand Poulton's Print Shop

# Żarna Tobia...



David Attard

Fl-24 ta' Settembru żarna Tobia, Avultun Abjad żagħżugħ li faqqas l-Italja f'Ġunju li għadda. Tobia kiber, tgħallem itir u fil-ħarifa bħal ħafna għasafar oħrajn tar minn art twelidu biex ipassi lejn l-Afrika.

Fi triqtu Tobia għadda minn Malta, imma flok baqa' sejjer waqaf biex jgħaddi l-lejl hawn. Niżel fl-inħawi tal-Fawwara u raqad fix-xagħri. Membri tal-BirdLife flimkien mal-pulizija qagħdu għassa l-lejl ħalli ma joqtluhx il-kaċċaturi. L-għada filgħodu Tobia tar mill-ġdid u ħalla xtutna. Minn Malta qasam 400km baħar sa ma wasal il-Libja, imbagħad kompla nieżel u daħal l-Alġerija. Nawguraw lil Tobia li jsib post sabiħ fejn jgħaddi x-xitwa bla periklu.

Imma għaliex jismu Tobia? Għax dan l-avultun ma faqqasx fis-selvaġġ imma f'ċentru speċjali fl-Italja fejn irabbu għasafar rari, biex imbagħad jitilquhom ħalli jkomplu jgħixu fis-selvaġġ. U n-nies li rabbewh semmewh Tobia. U barra Tobia kien hemm ukoll Sara u Karel u Carmen u Aneta!

U kif nafu li l-avultun li żarna kien Tobia? Ħarsu sew lejn ir-ritratti li ħa seħibna David hekk kif Tobia għadda minn fuq rasu. Qed taraw żewġ rixiet ċari fil-ġewnaħ tax-xellug? Dik marka speċjali li għamlulu n-nies li rabbewh biex l-għasfur jingħaraf anke jekk ikun qed itir fl-għoli.

L-**Avultun Abjad** (Egyptian Vulture *Neophron percnopterus*) huwa għasfur rari f'Malta u ma jidhirx kull sena. Huwa l-iżgħar fost l-erba' speċi ta' avultuni fl-Ewropa, u huwa wkoll l-uniku wieħed li jpassi regolarment kull sena. Tobia għadu ferħ u għalhekk ikun kważi kollu skur. L-adult ikun abjad bil-ġwienaħ suwed.







# Ġiet mill-bogħod

Inħabbru ħuta oħra ġdida għal Malta! Din hija r-**redlip blenny** (*Ophioblennius atlanticus*), tip ta' budakkra. Lemaħha m'ilux il-ħabib tagħna Mark-Anthony Falzon waqt li kien qed jgħum f'Delimara u s'intendi ġibdilha skoss ritratti, fosthom dan t'hawn. Sejba ta' speċi ġdida hija dejjem ħaġa speċjali imma li hu kważi inkredibbli f'dis-sejba hu li dil-ħuta mhix biss ġdida għal Malta imma anke għall-Baħar Mediterran! Kif juri l-isem xjentifiku tagħha, din ħuta tal-Oċean Atlantiku u kif spiċċat Malta impossibli tgħid. Bil-Malti nistgħu nsejħulha **Budakkra tal-Atlantiku**. Prosit Mark!

Mark-Anthony Falzon



Joe Sultana



Victor Falzon

Il-**bruka** hija waħda mill-ftit siġar li jifilħu għar-raxx mielaħ tal-baħar, u fil-fatt issibha tikber (jew imħawla) ħdejn diversi xtut, fosthom dawk ramlin. Għandha weraq fin qisu bizzilla, li spiss iqattar minnu ħafna ilma mielaħ.



Alex Casha

Il-**grillu tar-ramel** jorqod fix-xitwa imma fir-rebbiegħa joħroġ mill-ħofra fir-ramel fejn ikun indifen. Ir-raġel joqgħod fid-daħla tat-toqba u jħokk ġwenħajh flimkien biex jagħmel ħoss li jiġbed grilli nisa lejh.



Victor Falzon

Ċapep tar-ramel li l-grillu jtella' minn taħt l-art meta jħaffer il-mina tiegħu.



Stephen Mifsud

Minħabba li jikber fir-ramel biss ix-**xewk ir-ramel** huwa rari ħafna f'pajjiżna Jekk ikollok ix-xorti tarah, innota kif il-weraq jagħti fil-blu imma attent għax inniggeż!



Victor Falzon

Desirée Falzon

Fl-aħħar tas-sajf il-**bużbież il-baħar** joħroġ bukketti fjuri sofor ċari li jiġbdu ħafna insetti bil-fwieħa ħelwa tagħhom. Għandu weraq ftit oħxon biex fih jaħżen l-ilma.

Ambjenti u Residenti

# Xatt bir-ramel

Desirée Falzon

Il-**ħanżir l-art tar-ramel** jgħix f'xifer ix-xatt fejn ir-ramel jiltaqa' mal-baħar. Jiekol biċċiet tal-alka li jkun tella' l-baħar. Il-mara tkun ċara bħal din tar-ritratt.



Victor Falzon



Victor Falzon

Isem il-**pankrazju** ġej minn kelma bil-Grieg li tfisser "b'saħħtu" għax minkejja s-sħana u nixfa li tgħix fihom fuq l-għaram tar-ramel, il-pjanta għandha weraq twil skur u b'saħħtu, u ġmiel ta' fjura bajda tfuħ.




It-**tertuxa** hija tipika tal-għasafar tax-xtut. Għandha saqajha ftit twal u munqarha twil ukoll, għodda perfetta biex tfittex fir-ramel imxarrab għad-dud.



Aron Tanti

Xtut ramlin mhumiex komuni f'Malta. Fis-sajf dal-povru ħabitat jimtela bin-nies u l-gabbani u u l-istorbju, u n-natura ma tantx nagħtuha ċans tieħu r-ruħ u titkattar. Il-pjanti speċjalizzati li jgħixu fir-ramel irid ikollhom għeruq fil-fond u weraq imlaħħam biex jiflaħ għan-nixfa. Ir-ramel ħdejn il-bħar jifforma għaram (*sand dunes*) f'xi postijiet f'Malta u fihom jgħixu flora u fawna speċjali. Ftit hawn annimali li jgħixu fir-ramel, il-biċċa l-kbira jżuruh biex ifittxu l-ikel imbagħad jitilqu. Il-kulur ħamrani bħal tar-**Ramla l-Ħamra** f'Għawdex (fir-ritratt) u tar-Ramla tal-Mixquqa f'Malta jiġi mill-minerali fil-blat li tfarrak biex sar ramel.




# Jerġgħu jiftħu r-riservi naturali




Is-Simar wieħed mill-ftit postijiet f'Malta li jkun bl-ilma s-sena kollha

Issa li s-sajf għadda r-riservi naturali tal-Għadira u s-Simar ħa jerġgħu jiftħu għall-publiku. Nistiednu lilkom il-membri tal-Klabb u l-familji tagħkom biex taslu wasla sax-Xemxija għall-ftuħ tas-Simar għal staġun ieħor.




russett abjad

Fost affarijiet oħrajn ħa jkun hemm

- *tours* tar-riserva
- logħob għat-tfal
- attivitajiet għall-familja
- ringing tal-għasafar
- berdwoċing




Wara l-attivitajiet ta' filgħodu Is-Simar jibqa' mbagħad miftuħa għall-publiku sa 4pm. Bħal dejjem, id-dħul huwa bla ħlas.

**Data** **Il-Ħadd 1 Novembru 2015**
**Post** **Is-Simar** (fix-Xemxija)
**Ħin** Ħa jkun hemm żewġ gruppi, wieħed fl- **10am** u l-ieħor fil-**11.30am**
Minħabba li l-postijiet limitati min jixtieq jattendi l-attivitajiet ta' filgħodu għandu **jibbukkja** billi jibgħat imejl lil Hannah fuq **education@birdlifemalta.org**










## Intervista ma' fjura




Bonġu, Xewka!
Bonġu, nista' naqdik f'xi ħaġa?

Iva, għandi kurżità. Il-pjanti tax-xewk li nara kollha jkollhom zokk. Imma inti m'għandekx...
Hekk hu, jien flok intella' zokk nuża l-enerġija tiegħi biex inħaxxen u ntawwal l-għerq.

Għerq kbir x'tambih?
Kif tara jiena ngħix fix-xagħri, ambjent li fis-sajf jinxef qoxqox. Fl-għerq naħżen ilma u sustanzi, li jżommuni ħajja f'dan l-ambjent diffiċli.

Kos, madwarna kważi m'hawn ebda pjanta bil-fjuri ħliefek.
Hekk hu, ħafna pjanti jwarrdu fir-rebbiegħa imma jien niftaħ il-fjuri issa. B'hekk l-insetti fuqi jiġu u jdakkruli l-fjuri.

Kważi bla kompetizzjoni ta' xejn!
Ħeħe, eżatt.

M'iniex naralek weraq. Lanqas weraq ma tagħmel?
Iva mela, imma l-weraq tiegħi xogħlu għamlu fir-rebbiegħa, u issa nixef. Hawn hu madwari, arah.

Dal-ħafna qisu tiben griż?
Dak hu.

Il-aħwa, ma ndunajtx! Issa ħa jkolli nħallik. Saħħa u grazzi.
Ċaw ħi, u ara tniggeż :)

# Ftit Friefet

**Fil-Gżejjer Maltin dehru s'issa xi 30 speċi ta' friefet. Xi 20 minnhom huma komuni jew jidhru regolari kull sena, oħrajn huma rari jew dehru darba biss. Hawnhekk għandna seba' speċi li naraw regolari kull sena.**



Victor Falzon

Farfett tax-Xewk
Painted Lady *Vanessa cardui*



Victor Falzon

Danaws
Plain Tiger *Danaus chrysippus*



Aron Tanti

Farfett tal-Fejġel
Swallowtail *Papilio machaon*



Desirée Falzon

Farfett tal-Ħurrieq
Red Admiral *Vanessa atalanta*



Aron Tanti

Kannella tax-Xemx
Speckled Wood *Lasiommata megera*



Mark-Anthony Falzon

Farfett tal-Kaboċċi
Large White *Pieris brassicae*



Mike Downham

Kannella tad-Dell
Wall Brown *Pararge aegera*

# Tista' tgħidli?

Inwieġbu l-mistoqsijiet tagħkom fuq in-natura.

## X'inhu?



Sur Editur,

Ftit ilu ħadt dan ir-ritratt ta' insett. Jekk jogħġbok tista' tgħidli x'inhu? Thank you.

**Lara Fenech** (8)
Swieqi

Għażiża Lara,

Dak huwa **Spallut Irrigat**, bl-Ingliż *Striped Shield Bug*. Dawn it-tip ta' insetti għandhom ħalqhom qisu siringa u jużawh biex itaqqbu z-zokk jew weraq tal-pjanti biex isoffu l-meraq. Waħda mill-pjanti favoriti tal-Ispallut Irrigat hija l-Bużbież.

L-Editur

## Kemm għandna?

Għażiż Editur,

Jekk jogħġbok kemm għandna razez ta' wiżgħa f'Malta? Grazzi.

**Shawn Mallia** (13)
L-Imġarr

Għażiż Shawn,

Għandna tnejn: il-**Wiżgħa tad-Djar** u l-**Wiżgħa tal-Kampanja**. U bilħaqq, fix-xjenza ngħidulhom speċi mhux razez.

L-Editur

Jekk għandkom mistoqsijiet, iktbu lill-Editur fuq **il-huttafa@birdlifemalta.org**

## Pingi n-nofs l-ieħor tal-bumunqar

...imbagħad tih il-kulur.




## Għadek m'intix membru?




Jekk għadek m'intix membru fi Klabb Ħuttaf u tixtieq tidħol, ftakar li hemm jistenniek **Natura u Kuluri**, ktieb mimli stampi ta' annimali u pjanti Maltin biex tagħtihom kulur. Ħaffef qabel jispiċċaw.




## X'nista' nara daż-żmien?

Jason Aloisio



### Kuda

Northern Wheatear *Oenanthe oenanthe*

Il-Kuda hija għasfur żgħir li tqatta' ħin twil fl-art, tiġri jew taqbeż fuq saqajha biex issib x'tiekol, l-aktar insetti u dud. Issibha l-aktar fl-għelieqi u fix-xagħri. M'għandhiex kuluri jgħajtu, sabiex ma tkunx tidher wisq fl-ambjent li tgħix fih. Ir-raġel u l-mara jingħarfu sew minn xulxin. Meta ttir jitfaċċa disinn abjad u iswed fuq denbha, qisu ittra T rasha 'l isfel. Il-Kuda tidher fiż-żewġ pases, meta ġieli tasal f'numri kbar. Fil-ħarifa tibda tidher mill-aħħar ta' Awwissu. Hija tbejjet f'art għolja madwar l-Ewropa, u tqatta' x-xitwa fl-Afrika. Tbejjet fl-Asja u fil-Kanada u xi Kud jagħmel pases twal ħafna. Bħal sħabhom tal-Ewropa, dawn ukoll jinżlu lejn l-Afrika fil-passa tal-ħarifa.



## Ħbieb Falkuni

Jien jisimni Sean u għandi 21 sena. Minn dejjem kont dilettant tal-għasafar, però l-passatemp tal-berdwoċing ħadtu bis-serjetà ftit xhur ilu biss. Dan kollu beda f'attività tal-Falko li attendejt, u minn dakinhar bqajt noħroġ fil-kampanja b'mod regolari. Illum jiena leader tal-Falko u nieħu ħsieb l-attivitajiet u dak kollu li għandu x'jaqsam mal-Falko.

F'dawn ix xhur kelli l-opportunità nosserva ħafna spettakli naturali interessanti ferm mill-għasafar. Pereżempju meta rajt tajr tal-priża mill-viċin irrealizzajt kemm jagħmlu manuvri impressjonanti, u darba rajt ukoll Seqer tal-Ħannieqa (*Hobby*) jiġri wara farfett il-lejl. Però l-iktar spettaklu li sibt affaxxinanti kien li nara l-Kuċċard (*Honey-buzzards*) jingħalaq ballun sabiex jogħdos mis-sema għas-siġar tal-Ħarrub biex jorqod. Barra minn hekk, l-għajta u s-sbuħija tal-kuluri tal-Qerd in-Naħal (*Bee-eaters*) inevitabbli li tinnotahom, u huma wkoll għasafar b'karattru partikolari.

F'Settembru naraw kwantità ta' għasafar tal-priża (*birds of prey*) fosthom il-Kuċċarda (*Honey-buzzard*), l-Arpa (*Osprey*) u l-Bagħdan Aħmar (*Marsh Harrier*) ipassu minn fuq Malta. Xi wħud jibqgħu sejrin fi triqthom lejn l-Afrika bla ma jieqfu, oħrajn jiddeċiedu jqattgħu lejl f'Malta biex jistrieħu qabel ma jkomplu l-vjaġġ tagħhom lejn l-Afrika. Xi ħaġa li qatt ma stennejt fl-ewwel sena tiegħi berdwoċing kienet li nosserva żewġ Avultuni Bojod (*Egyptian Vultures*), wieħed fit-13 u l-ieħor fil-25 ta' Settembru. L-Avultun Abjad huwa rari għal Malta u l-aħħar li deher wieħed kien madwar sentejn ilu.

Narakom!



*Sean*
**Sean Bonello**
Leader Falko



Chris Cacchia Zammit




Għall-berdwoċers ta' Malta, Settembru ma jfissirx biss tmiem is-sajf u bidu tal-iskola, imma ż-żmien li fih isseħħ il-passa tal-ħarifa, fejn l-għasafar imorru lura l-Afrika wara li jkunu bejtu madwar l-Ewropa.



Sibna fuq **Facebook** (fittex **Falko BirdLife Malta**)
Ittawlilha spiss għal iżjed tagħrif fuq l-attivitajiet

**Dejjem** infurmana jekk tkun ġej ħarġa tal-Falko. Ċempel lil Tim (**79071796**) **jew** lil Nick (**99809190**) **jew** ibgħat email lil **falkoblm@gmail.com** **jew** ħallilna messaġġ fuq **Facebook**

## Attività...

**Is-Sibt 31 ta' Ottubru 2015** se mmorru berdwoċing Kemmuna u kif inkunu hemm ngħaddu saċ-ċentru tar-ringing tal-BirdLife biex naraw kif isir il-bird-ringing. Ftakru dejjem li tiġu b'żarbun tajjeb u ġibu wkoll it-tromba. Għal aktar tagħrif ikkuntattjaw lil-Leaders.



Chris Cacchia Zammit

**Falko** hija t-taqsima tal-membri żgħażagħ ta' **BirdLife Malta**. Il-Falko torganizza ħargiet biex iż-żgħażagħ li japprezzaw l-annimali u n-natura jingħaqdu biex jgħaddu ħin flimkien josservaw il-flora u l-fawna ta' pajjiżna.



Joe Sultana

Natura 2000
Natura mħarsa

Elisabeth Conrad

# Il-Qortin Tal-Magun

## Jafuh ftit, jiswa ħafna!

Is-sit li se nitkellmu fuqu f'din il-ħarġa probabbli ħafna minnkom qatt ma smajtu bih. Imma għalkemm mhuwiex fost l-iktar magħrufa, żgur li huwa wieħed mill-iktar interessanti. Qed nitkellmu fuq il-Qortin tal-Magun, u s-sit fil-qrib tiegħu magħruf bħala l-Qortin il-Kbir. Barra li huwa Sit Natura 2000, dal-post huwa wkoll **Sit ta' Importanza Ekoloġika** u **Sit ta' Importanza Xjentifika**. Dan għandu jagħtikom ħjiel ta' kemm huwa interessanti.

## Xagħri rari

Dan is-sit jinstab fuq għolja magħmula minn blat tal-Qawwi ta' Fuq. Minħabba li huwa mikxuf ħafna għar-riħ, il-pjanti li jikbru hawnhekk iridu jkunu kapaċi jifilħu għall-maltemp. Hawnhekk insibu tip ta' ambjent li teknikament nafuh bħala **frigana** (*phrygana*), tip ta' xagħri li ma tantx hu komuni f'Malta. Fil-Magun il-frigana mhux talli nsibuh, imma huwa probabbli l-aħjar eżempju ta' dan l-ambjent li għandna Malta.

## Fejn hu?



Il-Qortin tal-Magun qiegħed max-xatt tat-tramuntana ta' Għawdex. L-eqreb raħal huwa n-Nadur.

## Il-flora...

Fost ir-rikkezza ta' speċi li nsibu hawnhekk, hemm il-**ħatba s-sewda ta' Malta** u t-**tengħud tax-xagħri** (it-tnejn [2]endemiċi għal Malta), l-**għansar ikħal** (li jinsab biss f'Malta u fi ftit postijiet oħra), u speċi oħrajn tipiċi tax-xagħri Malti, bħas-**sagħtar**, iż-**żebbuġija**, it-**te Sqalli** u t-**tengħud tas-siġra**. Insibu wkoll iċ-**ċistu abjad**, li tagħmel fjuri sbieħ bojod;



Nicholas Galea

**Bufula ħamra** mperrċa fuq **żebbuġija**



Victor Falzon

**Iċ-ċistu abjad** huwa rari f'Malta.







din il-pjanta hija rari f'Malta imma fil-Magun hawn roqgħa mhux ħażin. Insibu wkoll diversi speċi ta' **likeni** u **ħażiż**, u anke numru ta' **orkidi**. Fix-xquq u l-ħofor fil-blat jiffurmaw fix-xitwa diversi **għadajjar fil-blat** (*rockpools*), li jipprovdu ambjent kruċjali għal speċi ta' flora u fawna x'aktarx rari fil-Gżejjer Maltin.

## ...u l-fawna.

Kif tistgħu tobsru, sit bħal dan huwa importanti wkoll għall-fawna. Fl-arbuxxelli t'hawnhekk tbejjet il-**bufula sewda** u tbejjet anke l-**bufula ħamra**, li skarsat sew mill-kampanja Maltija; mal-irdum s'intendi ma jonqosx il-**merill**. Fil-passa jitfaċċaw għasafar bħall-**kuda** u forsi xi **daqquqa tat-toppu**, u fix-xitwa l-post jimtela tpespis tal-**pespus** u ċaqċiq tal-**buċaqq tax-xitwa**. Fost fawna oħra nsibu wkoll is-**serp iswed** u d-**dussies t'Għawdex**, bebbux endemiku għal Malta.

Semmejna fil-bidu li l-Magun mhux magħruf wisq mal-Maltin, u din hija probabbli r-raġuni għaliex għadu fi stat pjuttost tajjeb! Għalhekk, għalkemm inħeġġiġkom biex tesploraw iktar siti bħal dawn li huma kemmxejn *off the beaten track*, tajjeb li nitgħallmu napprezzaw dal-wirt naturali bla ma nagħmlulu ħsara.




**Id-dussies t'Għawdex huwa bebbuxu żgħir ħafna.**




**Il-ħatba s-sewda ta' Malta tikber folta.**

[1]**endemiku.** Annimal jew pjanta li jinsabu f'post partikolari u mkien iktar fid-dinja.

# Anniversarju biċ-Ċrieket



Fis-**6 Settembru 1965** f'għalqa ħdejn ix-Xagħra f'Għawdex tqiegħed ċurkett fuq l-għasfur li jidher fir-ritratt. L-għasfur kien Bekkafik Isfar. Dan kien il-bidu tal-bird ringing f'Malta. F'Settembru li għadda dan l-istudju għalaq 50 sena.





L-għasafar jinqabdu f'xibka speċjali li tintrama mir-ringer. Ix-xibka tkun merħija ħalli l-għasfur ma jweġġax.

**Iddum biex issir ringer?**
Iva, trid snin ta' prattika u esperjenza.



Iċ-ċurkett ikun tal-aluminjum u jkun żgħir u ħafif ħafna. Fuqu jkun hemm numru u l-indirizz tal-għaqda li tkun irringjatu.







Wara li jinħeles mix-xibka, l-għasfur jitqegħedlu ċurkett żgħir fuq waħda minn saqajh. Dan isir b'galbu kbir mir-ringer, li juża għodda speċjali.



**Biex tirringja trid permess?**
Iva, u liċenzja mill-pulizija wkoll.



**Ir-ringing jista' jsir f'postijiet protetti?**
Iva.



Qabel jintelaq l-għasfur jittiħidlu xi kejl ieħor, bħal tul tal-ġwienaħ u toqol. Kollox jitniżżel f'database. L-għasfur idum għand ir-ringer ftit minuti biss.





L-għasfur imbagħad jerġa' jintelaq biex ikompli ħajtu fil-kwiet. Jekk jerġa' jinqabad minn ringer f'pajjiż ieħor, iċ-ċurkett jurih minn fejn ikun ġie l-għasfur.

Minn mindu beda r-ringing f'Malta, ġew irringjat **iktar minn nofs miljun** għasfur.

**500,000**

**L-għasfur iweġġa'?**
Ma tarax! La x-xibka u lanqas iċ-ċurkett ma jweġġgħuh.

Ir-ringers ta' BirdLife Malta






Bis-saħħa tar-ringing żdied ħafna t-tagħrif fuq l-għasafar, speċjalment ir-rotot li jużaw waqt li jkunu qed ipassu.

Ritratti f'din il-paġna ta'
Ian Balzan, Victor Falzon, Nicholas Galea, Mont Hirons u Tim Micallef